**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 1113/2021 NC**

**Dr. Naged Megally**
**(I.D. Nru. 0389592(M))**

**vs.**

1. **Il-Ministru tas-Saħħa,**

2. **Id-Direttur Ġenerali (People Management) fil-Ministeru għas-Saħħa,**

3. **L-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern, u**

4. **Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta (3) ta' Awwissu 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent ppreżentat fit-23 ta' Lulju 2021 fejn ir-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli:

*"jissoktaw bil-proċess sabiex jingaġġaw individwu fil-"Post ta' Konsulent fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija b'interess speċjali fil-Mediċina Feto-Materna fid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa."*

Rat id-Digriet tagħha tat-23 ta' Lulju 2021 fejn il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament, ordnat notifika tar-Rikors bi żmien għar-Risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tad-29 ta' Lulju 2021.

Rat ir-Risposta tal-intimati l-Ministru tas-Saħħa, id-Direttur Ġenerali (People Management) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern ippreżentata fis-27 ta' Lulju 2021 fejn l-intimati msemmija opponew għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Rat ir-Risposta tal-intimat l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ppreżentata fis-27 ta' Lulju 2021 fejn il-Kummissjoni intimata opponiet għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Semgħet, fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2021, is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għan ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħrug tal-mandat. Bil-liġi jeħtieġ li biex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak, huwa għandu juri s-segwenti:

- li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju;

- li r-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

B'żieda ma' dawn, fir-rigward tar-rikors odjern, peress illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun qiegħda ssir kontra l-Gvern ta' Malta jew kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, ir-rikorrent jeħtieġ li wkoll jissodisfa l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-elementi ta' dan is-sub-Artikolu huma s-segwenti:

- li l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat tikkonferma fil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir,

- li l-Qorti tkun sodisfatta li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.

Illi l-elementi kollha msemmija hawn fuq huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak. *In oltre* huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat, il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' dak li ngħad hawn fuq huwa ċar u ben stabbilit. Il-Qorti tenfasizza illi kull eżami li tagħmel hi f'dan l-istadju jibqa' limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi l-vertenza fil-mertu tibqa' riżervata għal dik il-Qorti li eventwalment tiġi adita bil-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tidħol direttament fil-mertu tal-mandat odjern mingħajr ma tikkunsidra għalissa jekk, fost l-oħrajn, il-Ministru tas-Saħħa għandux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju kif jingħad

fir-Risposta tiegħu. Dan jiġi kkunsidrat, jekk ikun hemm ħtieġa, aktar il-quddiem f'dan id-digriet.

Illi fir-Rikors jingħad, fost l-oħrajn, illi xi snin ilu r-rikorrent kien issottometta applikazzjoni sabiex jirreġistra ruħu bħala speċjalista fir-Reġistru dwar l-Ispeċjalisti u li huwa *"għandu kwalifiċi fil-qasam tal-mediċina Feto-Materna iżda peress li dina l-ispeċjalizzazzjoni ma hijiex inkluża fl-imsemmija Ħames Skeda, huwa ma kellux għażla oħra għajr illi jissottometti applikazzjoni sabiex jittenta jirreġistra ruħu bħala Speċjalist fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija"*. Jingħad ukoll illi r-rikorrent jbagħti mill-kundizzjoni tad-distrofija muskolari li minħabba fiha huwa ma kienx irnexxielu jagħmel it-taħriġ prattiku illi tirrikjedi din l-ispeċjalizzazzjoni tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija fis-sens wiesgħa u li konsegwentement din l-applikazzjoni kienet ġiet rifjutata. Jingħad ukoll illi r-rikorrent qiegħed jiġi mġiegħel jirreġistra lilu nnifsu u jistħarreġ fil-qasam wiesgħa tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija *"il-parti l-kbira ta' liema huwa mhux ser jipprattika fih fil-professjoni tiegħu għaliex huwa jaħdem biss fl-imsemmi qasam speċjalizzat tal-Mediċina Feto-Materna"*.

Illi fir-Rikors jingħad ukoll illi fit-28 ta' Mejju 2021 inħarġet sejħa għall-"Post ta' Konsulent fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija b'interess speċjali fil-Mediċina Feto-Materna" u li fost ir-rekwiżiti ta' din is-sejħa hemm il-ħtieġa illi l-applikant ikun irreġistrat f'Reġistru dwar l-Ispeċjalisti skont il-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta, miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew approvat għall-inklużjoni fl-imsemmi Reġistru, jew huwa fil-pussess ta' kwalifiki oħrajn bħaċ-Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti ta' Malta jew ekwivalenti għal dan. Ir-rikorrent jisħaq illi *"tali rekwiżiti lkoll jeskludu lill-esponenti milli jiġi kkunsidrat għal din il-pożizzjoni minħabba l-inabbilta' tal-esponenti illi jirreġistra ruħu bħala speċjalist taħt il-liġi viġenti kif spjegat aktar 'l fuq allavolja l-esponenti għandu l-kwalifiki f'dan il-qasam speċjalizzat tal-Mediċina Feto-Materna"*.

Illi fir-rigward tal-elementi neċessarji sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' il-ħruġ tal-mandat odjern, il-Qorti:

- tirrikonoxxi illi fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2021 ġie kkonfermat bil-ġurament li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma hija fil-fatt maħsuba li ssir;

- tikkondividi ma' dak li jingħad fir-Risposta tal-intimati l-Ministru tas-Saħħa et fejn jingħad illi:

    - *"Illi fl-umli fehma tal-esponenti, trid issir distinzjoni bejn ix-xewqat personali relatati mal-karriera professjonali ta' dak li jkun, inkluż l-intoppi li jista' jkollu konsegwenza ta' kundizzjoni jew diżabilita' u xogħol il-leġislatur sabiex dan jemenda l-liġi",*

    - *"fuq kollox anke li kieku għall-grazzja tal-argument il-liġi kellha tinbidel, ir-rikorrent ma għandu l-ebda garanzija li, li kieku applika, kien ser jintgħażel u jekk li kieku ma ntagħżilx u appella mid-deċiżjoni tal-appuntament jew fetaħ xi kawża l-eżitu kien ser ikun favorevoli għalih",*

    - *"fil-verita' ser ikun id-dipartiment ikkonċernat u s-servizz tas-saħħa pubbliku għad-detriment ta' kull mara li tuża dan is-servizz li ser isofru l-akbar preġudizzju u mhux ir-rikorrent".*

Illi jsegwi għalhekk li l-Qorti ma jirriżultalhiex li r-rikors odjern għandu jiġi milqugħ stante li ma jirriżultax li rikorrent għandu jedd *prima facie* u li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti anqas għandha għalfejn tistħarreġ jekk il-Ministru tas-Saħħa kellux jiġu kolpit jew le b'dan il-mandat jew jekk il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għandhiex ġurisdizzjoni fuq l-għażla tal-kriterji li jiddeterminaw l-eliġibilita' u fuq xi deċiżjoni tal-Kunsill Mediku kif sottomess fir-Risposta tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tagħha tat-23 ta' Lulju 2021 u tiċħad it-

talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1113/2021 fil-konfront tal-intimati.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrent.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**